MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 733/2001/1

**Carmen Mallia u Anthony Mallia bhala prokuratur ta' l-assenti Loreta Williams, Maria Moore u Benedetto ahwa Agius ilkoll assenti minn Malta**

**Vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-fond numru sebgha (7), Triq tal-Gebel, Hal-Far, fil-limiti taz-Zurrieq in kontra ta' Birzebbugia fiz-zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti stante li l-konvenut qieghed jiddetjeni l-fond fuq imsemmi minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi ddikjarat li l-valur loktizju ma jeccedix l-mitejn lira Maltija (Lm200).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-gudizzju mhux integru stante illi l-kawza ma hiex diretta wkoll kontra mart il-konvenut.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom qabel xejn jippruvaw x’titolu ghandhom huma fuq il-fond in kwistjoni.

3. Illi subbordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, l-konvenut ma huwiex l-legittimu kontradittur stante li l-fond in kwistjoni huwa mikri jew moghti b’titolu ta’ emfitewsi lil Joseph Cachia, u ghalhekk ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Marzu 2002 (fol 10 tal-istess atti) il-konvenut kien <u>irtira</u> l-ewwel eccezzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, din is-sentenza preliminari hi ristretta ghat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut cjoe, testwalment, “…. l-atturi ghandhom qabel xejn jipprovaw x’titolu ghandhom huma fuq il-fond in kwistjoni”. Dwar din l-eccezzjoni xehdet, biss, <u>l-attrici Carmen Mallia</u> (fol 11 et seq tal-atti) waqt li l-konvenut inghata l-opportunita’ sabiex jipproduci provi izda dan ma avverax ruhu (fol 10, fol 15 u fol 16 ibid).

Illi l-imsemmija attrici, anke permezz ta’ dokumenti, u fotokopja, li jinsabu a fol 13 tal-istess atti spjegat li l-atturi jiddetjenu l-post in kwistjoni <u>b’titolu ta’ cens temporaneu</u>.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk jidher evidenti li l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta, minghajr il-htiega ta' kumment ulterjuri dwar jekk din giet intavolata b'mod frivolu u vessattorju.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni in esami u tordna li jibdew jinstemghu l-provi dwar il-meritu ta' dan il-kaz. Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------